MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## GRAZIO MERCIECA

Seduta tad-29 ta' Dicembru, 2004

Talba Numru. 10/2004

**Gozo Atlantis Company Limited**

**vs**

**Kunsill Lokali Nadur**
**Kunsill tal-Kultura fil-Ministeru ghal Ghawdex**

It-Tribunal;

Ra l-avviz tat-talba li jghid hekk:

"Is-socjeta' attrici topera u tiggestixxi l-"Atlantis Hotel" fi Triq il-Qolla, Marsalforn, limiti Zebbug, Ghawdex.

Din is-socjeta' rceviet talba ghal akkomodazzjoni ghal grupp ta' zeffiena minn Helsinki, Finland, fil-perijodu bejn is-sitta (6) u t-tlettax (13) ta' Frar tas-sena elfejn u tnejn (2002). Din it-talba giet accettata u l-akkomodazzjoni giet ipprovduta kif miftiehem.

Meta intalab il-hlas minghand il-konvenuti l-kumitat tal-Kultura tenna li huwa ma kellu ebda interessament dirett fil-materja u kien qed jagixxi fl-interess tal-Kunsill tan-Nadur u l-hlas ghandu jsir minnu u l-konvenut Kunsill tan-Nadur tenna li l-hlas huwa dovut mill-Kumitat tal-Kultura ghaliex iz-zjara Malta ta' dan il-grupp ta' zeffiena kienet organizzata mill-Kunsill tan-Nadur.

Jidher li dan ir-rifjut kien motivat mill-fatt li wara li taw l-ewwel performance taghhom, billi rrizultat xi kritika ghal mod ta' lbies (jew in-nuqqas tieghu) ta' dawn iz-zeffiena issa hadd mill-konvenuti ma hu dispost jaccetta r-responsabbilita' ghall-migja taghhom f'Ghawdex.

Ghalhekk l-atturi qed jitolbu l-kundanna tal-konvenuti ghall-hlas ta' elf u tlieta u tletin lira Maltija u hamsin centezmu (Lm1033.50) flimkien ma' l-imghaxijiet relattivi u l-ispejjes ta' l-ittri ufficjali mibghuta f'Novembru 2003 u tal-ittra interpellatorja datata 8 ta' Awissu 2003.

Ra r-risposta tal-konvenut Kunsill Lokali Nadur:

"1. Illi l-azzjoni ta' l-atturi hija preskritta ai termini ta' l-artikolu 2147(b) tal-Kodici Civili.

2. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost it-talba attrici hija totalment infondata fid-dritt u fil-fatt stante li l-Kunsill Lokali qatt ma ghamel il-booking mas-socjeta' attrici. Infatti dan il-booking sar mir-rapprezentant tal-Kunsill tal-Kultura fil-Ministeru ghal Ghawdex."

Ra r-risposta tal-Kunsill tal-Kultura fil-Ministeru Ghal Ghawdex:

"Illi t-talba tas-socjeta' atlantis hija preskritta fil-konfront tal-konvenut esponenti ai termini ta' artikolu 2147(B) tal-Kodici Civili.

Illi minghajr pregudizzju ghas-suspett (*recte*: suespost) il-konvenut esponenti qatt ma talab ghal akkomodazzjoni

ghal grup ta' zeffiena kif allegat mis-socjeta' attrici u f'dan il-kaz ma kellux relazzjoni kummercjali mas-socjeta' attrici.

Illi l-Kunsill tal-Kultura kellu biss qbil mal-Kunsill Lokali tan-Nadur illi jhallas lill-istess Kunsill somma ta' flus miftehma ghall kull peformance illi l-grupp ta' zeffiena minn Helsinki kienu sejrin jaghtu f'attivitajiet organizzati mill-Kunsill tal-Kultura.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt."

Sema' l-provi;

Ra wkoll in-noti ta' sottomissjonijiet;

Ikkunsidra:

Ghalkemm kif diga gie accennat, kull wiehed miz-zewg konvenuti ghamel risposta ghal rasu, u gie ppatrocinat separatament waqt is-smiegh tal-kawza, iz-zewg risposti jikkontjenu eccezzjonijiet identici. It-tnejn jecepixxu l-preskrizzjoni a tenur tal-artiklu 2147(b). U kull konvenut jghid li kien il-konvenut l-iehor li ghamel il-booking tal-allogg fil-lukanda tas-socjeta' attrici.

Fl-ordni logiku u guridiku, l-ewwel eccezzjoni li ghandha tigi ttrattata hija dik tal-illegittimita' tal-persuna, ghax jekk jigi ddeterminat li persuna m'ghandhiex relazzjoni guridika mas-socjeta' attrici, tigi mehlusa milli toqghod fil-kawza u l-eccezzjoni l-ohra tal-preskrizzjoni ma tidhol imkien.

Hafna mill-provi li tressqu jirrigwardaw ir-relazzjonijiet ta' bejn iz-zewg konvenuti; dwar allegat ftehim bejniethom dwar min minnhom kellu jhallas il-prezz tal-allogg. Izda dawn il-provi ftit ghandhom rilevanza f'din il-kawza, jekk mhux biex jitfghu xi dawl fuq min miz-zewg konvenuti ghamel il-ftehim tal-allogg mas-socjeta' attrici.

Huwa minnu li l-iktar xhieda mportanti huma dawk ta' Kevin Sciberras rapprezentant tal-Kunsill tal-Kultura u ta' Stephania Azzopardi, ufficjal tas-socjeta' attrici. Kien tal-ewwel li staqsa ghal *quotation*. Kienet tat-tieni li bghatet

il-konferma tal-booking bil-prezzijiet permezz ta' fax f'isem Vincent Grech ghan-nom tal-Kunsill tal-Kultura (dokument GAH-1 a fol 35). Kien Sciberras li accetta din il-*quotation* ghan-nom tal-istess Kunsill tal-Kultura. Ir-rati gew accettati bi prezzijiet ridotti kif normalment jinghataw lil dipartimenti tal-Gvern. Mid-deposozzjoni ta' Stephania Azzopardi – sinifikanti li lil din is-sinjura ma sarilha l-ebda kontro-ezami mill-konvenuti – jirrizulta li sakemm intbghatet il-*quotation* u giet accettata, hija minghaliha li kienet qieghda tinnegozja mad-Dipartiment tal-Kultura. Kien biss sussegwentement, meta l-ftehim kien diga' konkluz, u bdew jaslu l-klijenti akkumpanjati minn nies li kellhom x'jaqsmu mal-Kunsill tan-Nadur, li s-sinjura Azzopardi bdiet tindubja dwar min kellu jhallas. Ghalhekk cemplet lil Sciberras li qalilha li kellu jhallas il-Kunsill tan-Nadur; u hija bghatet il-kont lil dan il-Kunsill. Azzopardi kompliet tghid illi wara li inizjalment is-Sindku tal-Kunsill tan-Nadur ipprometta li jhallas, beda jghid li hu ma kellux x'jaqsam mal-kont, u l-istess bdew jghidu tad-Dipartiment tal-Kultura. Sciberras isostni li huwa ghamilha cara ma' Azzopardi li kien qieghed jinnegozja f'isem il-Kunsill tan-Nadur. Dan huwa – sia pure sa certu punt biss - kkonfermat ukoll minn Vincent Grech li qal hekk: *Kevin Sciberras meta cempel l-Atlantis jien kont prezenti. U dan li qal Kevin Sciberras. Illi hu, hu kien qieghed jitlob dawna r-rati biex em, ikun jista, kif talab Dr Chris Said, illi dan speci jaghmlilhom pjacir eh, eh, li jiffrankalhom xi haga tal-flus* (fol 68). Azzopardi pero' imkien ma qalet li Sciberras qalilha li kien qed jagixxi ghan-nom ta' haddiehor, u lanqas giet, kif diga gie osservat, ikkontroezaminata fuq dan il-punt hekk importanti. It-Tribunal jaghti iktar affidabilita' lid-deposizzjoni ta' Azzopardi milli taz-zewg sinjuri l-ohra, l-iktar ghax il-versjoni taghha hija sostnuta mill-fax imsemmija li mkien ma ssemmi l-Kunsill tan-Nadur. Din il-fax giet accettata mid-Dipartiment, li a tempo vergine accettaha u ma cahadx li kien ghamel il-*booking* hu. Barra minn hekk, hemm kunsiderazzjoni ohra li ggieghel lit-Tribunal jaccetta l-verzjoni ta' Azzopardi: il-*booking* sar bi prezzijiet ferm preferenzjali, liema prezzijiet isiru biss lil Dipartimenti tal-Gvern. Ma jidhirx li dawn il-prezzijiet japplikaw ukoll jekk

dawn id-Dipartimenti jaghmlu booking ghan-nom u fl-interess ta' terzi persuni, anke jekk ikunu Kunsill Lokali.

It-Tribunal ma jeskludix li kien sar ftehim bejn iz-zewg konvenuti biex id-Dipartiment tal-Kultura jkun *prestanome* ghall-Kunsill tan-Nadur. Izda t-Tribunal m'huwiex sejjer jiddeciedi dwar dan, u lanqas jikkummenta, biex din il-kwistjoni jhalliha impregudikata u wkoll ghaliex ma tiffurmax il-mertu tat-talba attrici.

Fl-udjenzi quddiem it-Tribunal, il-Kunsill tal-Kultura rrinunzja espressament u kategorikament ghall-preskrizzjoni.

Ma giex ikkontestat li l-allogg effettivament sar jew li l-ammont mitlub mhux dovut jew li kien iktar milli suppost.

Ghaldaqstant it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jillibera lill-Kunsill Lokali Nadur mill-osservanza tal-gudizzju; jilqa' t-talba attrici fil-konfront tal-konvenut Kunsill tal-Kultura fil-Ministeru ghal Ghawdex billi jikkundannah ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' LM1,033.50 prezz ta' akkomodazzjoni kif imsemmi fl-avviz tat-talba, bl-imghax mid-data ta' din id-decizjoni sad-data tal-eventwali hlas effettiv u bl-ispejjez tal-ittra interpellatorja tat-8 t'Awwissu 2003 u tal-ittri ufficcjali ta' Novembru 2003 hlief ghall-ispejjez tal-konvenut Kunsill Lokali Nadur li ghandhom jigu ssopportati mis-socjeta' attrici. Tibqa' impregudikata kwalunkwe azzjoni spettanti lill-konvenut Kunsill tal-Kultura kontra l-konvenut Kunsill Lokali Nadur *si et quatenus*.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------